KLR 35/V/2008

Minuti tal-laqgħa li nżammet nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju 2008 fl-10.00 ta' filgħodu.

PREŻENTI:- Is-Sindku Robert Tabone, il-kunsilliera, Joe Debrincat, Josef Schembri, Marcel Tabone u Michel Buttiġieġ u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- Il-Viċi Sindku Victor Galea Pace u l-membru Josephine Cassar.

Intqalet it-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

KLR 34/V/2008

1.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-applikazzjoni għall-proġett taċ-Ċentru Storiku tar-Rabat ma ġietx aċċettata.

Kont. KLR 34/V/2008

1.2 Rigward il-korrispondenza li ntbagħtet mill-Arċipriet tal-Katidral rigward l-egħluq ta' Pjazza Katidarla waqt il-Gozo 1234, fuq proposta tas-Sindku, il-membri qablu li tintbgħat ittra lill-persuni konċernati fejn turi li l-Kunsill Lokali jaqbel peress li din il-Pjazza ġiet magħluqa meta ma kienx hemm attivitjiet għaddejja. Il-Kunsill għandu wkoll jispjega li anki hu fil-persuna tas-Sindku għamel diversi tentattivi ma' l-organizatturi sabiex ma jħallux il-parti ta' fuq ta' Triq ir-Repubblika magħluqa għalxejn. Pero' dawn baqgħu jinsistu li din tibqa magħluqa u li l-kuntratt li kellhom mal-Gvern Ċentrali kien jagħtihom il-fakulta' li jiddeċiedu huma dwar jekk triq tinfetaħx jew tingħalaqx.

**2. Mozzjonijiet f'isem il-membri**

Mozzjonijiet numri 115 u 116 ġew imressqa mill-kunsillier Buttiġieġ u ssekondati mill-kunsillier Debrincat u Tabone rispettivament.

Mozzjoni numru 115

**Nipproponi li ssir *round about* fi Triq it-Tabib Anton Tabone qrib il-piċċ tal-boċċi. Dan peress li qed isir sewqan sfrenat kif ukoll x'ħin idawru jsibu l-vetturi li jkunu ġejjin minn Sannat ma wiċċhom.**

Il-membri qablu li jintalab lill-perit sabiex jagħmel *traffic management study* taż-żona u wara li tiġi approvata mill-Kunsill, jintalab il-peremess ta' l-Awtorita' Dwar it-Traspost (ADT).

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni rigward il-*Bing in site* li tinsab fi Triq iċ-Ċangar kantuniera ma Triq it-Tabib Anton Tabone. Mal-*bins* qed jintefa ħafna skart u jdum biex jinġabar. Kemm –il darba nġibdet l-attenzjoni tal-Wasteserve, pero' xorta għad qed ikun hemm din id-diffikulta. Il-membri qablu li l-Wasteserve għandha tiġi nfurmata sabiex, minbarra li tispezzjoni s-sit aktar frekwentament, tpoġġi *CCTV cameras*. Jekk ma jsirx hekk il-Kunsill Loklai jikkunsidra li jneħħi dawn il-*bins* għal kollox.

Mozzjoni numru 116

**Nitlob sabiex isiru *CCTV cameras* fi-żona taċ-Ċawla (Zona Nichelino), kemm minħabba l-*playing field* u l-grawnd il-ġdid u anke' minħabba l-flats. Din hi talba tar-residenti.**

Il-membri qablu li jisru tabelli li jindikaw li ż-żona hi monitorjata bis-*CCTV cameras*.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni rigward il-bżonn li jsiru *CCTV cameras* mal-Banca sabiex jinżamm aktar kontroll fi Pjazza Indipendenza. Dan peress li wara li jżarma l-monti qed jitħall ħafna ħmieġ. Apparti minnhekk, fuq il-ġenb tal-Banca hemm xi individwi rresponsabbli li qed jagħmlu l-iskart tagħhom f'dan il-post, u dan anke wara li permezz ta' diversi ittri, il-Kunsill kien ġibed l-attenzjoni tar-residenti ta' l-inħawi sabiex ma jibqgħux jagħmlu dan. Il-membri qablu li jintalbu stimi.

**3. *Audio-Visual Panel* fi Pjazza Indipendenza**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-kumpanija i-squared li ġiet assenjata sabiex tagħmel dan il-proġett qed tipproponi li jsir ftehim bil-miktub. Issuġġerew ukoll li wara sena u nofs li din il-*panel* tkun offruta b'xejn lill-Kunsill Lokali jkun hemm ftehim dwar il-manteniment tagħha, u indikat is-somma ta' €3,000 sabiex tkopri l-ispejjes ta' sena. Is-Sindku ġibdilhom l-attenzjoni li fil-bidu il-kumpnaija i-squared kienet proponiet li l-ftehim ikun ta' tlieta jew erba' snin bla ħlas. Il-membri qablu li jiġi suġġerit li dan jiġi diskuss wara li din il-*panel* tkun intużat wara sena u nofs. B'hekk tkun tista' ssir statistika ta' kemm intużat u ta' kemm kien hemm spejjes għall-manteniment.

**4. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2007/2008**

L-Accountat tal-Kunsill, is-Sur John Buttieġieġ, ġie mistieden jidħol fil-kamra. Dan spjega fid-dettall il-*financial statements* tas-sena finanzjaraja li għada kif spiċċat u mbgħad ġew approvati mill-membri skond id-dokument anness.

5. **Korrispondenza**

Is-Seg. Eżekuttiv resqet din il-korrispondenza mingħand:-

5.1 Rev Dr Joseph Beżżina rigward l-għeluq tal-mitt sena ta' zitu Pawla Scicluna li tinsab fid-dar ta' l-Anzjani Trionfi ta' Triq Sant. Ursola. Il-membri qablu li jintbgħat bukkett lil din l-anzjana;

5.2 Renaissance Productions Ltd. fejn intalab il-permess sabiex issir Fashion Show Internazzjonali fi Pjazza Sant. Wistin. Din sr issir fl-4 u l-5 ta' Lulju 2008. Il-membri qablu li l-permess jinħareġġ mill-4 ta' Lulju mis-13.00 il-quddiem sal-5 ta' Lulju filgħaxija. Dan sabiex il-parkeġġ jiġi affettwat mill-anqas;

5.3 il-membri qablu li jinxtgħel id-dawl ta' Triq ir-Repubblika għall-waqt it-tiġrijjiet taż-żwiemel li jiġu organiżżati fil-festa ta' San Ġorġ. L-armar ta' dan id-dawl u l-konsum m'għandux jaqbeż is-soimma ta' €698 u jinxtraw trofej għat tiġrijeit taż-żwiemel li jiġu preżentati mill-Kunsill waqt il-festa ta' Santa Marija. Is-somma m'għandiex taqbeż is-somma ta' €233;

5.4 l-Astra Folk Group fejn intalbet għajnuna finanzjarja sabiex jistampaw fuljett li ser jintuża meta jsiefer il-grupp. Il-membri ma qablux ma dan peress li dan il-grupp mhux imniżżel fit-tminn skeda tal-liġi tal-Kunsilli Lokali;

5.5 il-Gozo Youth Wind Band & Orchestra fejn talbu għajunu sabiex jorganiżżaw kunċert fi Pjazza San Ġorġ. Il-membri ma qablux ma dan peress li dan il-grupp mhux imniżżel fit-tminn skeda tal-liġi tal-Kunsill Lokali;

5.6 L-S.K. Victoria Wandrers fejn talbu għanjnuna sabiex jiġi organiżżat *5-a-side football tournament.* Din it-talba ma tistax tiġi aċċettata peress li dan it-tim mhux imniżżel fit-tminn skeda tal-liġi tal-Kunsilli Lokali;

5.7 il-Kunsill Nazzjonali għaż-Żgħażagħ 2008 fejn intbgħatu l-applikazzjonijiet ta' din is-sena;

5.8 l-ADT fejn infurmat lill-Kunsill li l-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' George Bugeja ('Bellusa' Triq il-31 ta' Marzu) ma ġiex aċċettat peress li l-problema ta' mobilita' ta' l-applikant mhix severa;

5.9 il-MEPA rigward PC application 0030/08 dwar sit fi Triq Karlu Galea kantuniera ma Triq l-Ewropa. Din biex is-sit in kwistjoni jinbena mar-*road alignment* eżistenti. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

5.10 l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn għarrfet lill-Kunsill rigward permessi li jintramaw imwejjed u siġġijiet fi Pjazza Indipendenza tal-ħwienet Sopos/it-Tokk u Pjazza Café';

5.11 l-Oasi rigward il-premju Żgħażagħ tas-Sena 2008;

5.12 l-iskola sekondarja Konservatorju ta' l-Isqof fejn talbu l-għajunua tal-Kusilli Lokali sabiex issir Librerija fl-iskola. Il-membri qablu li jiġu offruti xi kotba mill-għandu l-Kunsill fl-i*store* tiegħu;

5.13 is-Soċjeta' Filarmonika Leone fejn intalab sabiex il-każin jinxtgħel kif inxtgħelet il-Banca Giuratale. Il-membri qablu li jiddiskutu din il-proposta f'iktar dettal;

## 6. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

6.1 jittieħed il-parir tal-Perit sabiex jiġu restawrati l-aktar erba' niċċeċ li jinsabu fi stat ħażin, u wara ssir l-applikazzjoni mal-MEPA;

6.2 jsir il-*patching* fi Triq Wied Sara, l-istima imressqa mill-Kunsillier Debrincat hi ta' €655;

6.2 jintalab il-permess ta' l-ADT biex ssir *traffic mirror* fi Triq iċ-Ċanagar faċċata ta' Triq Aniċi;

6.3 jittieħed il-parir tal-Perit sabiex isir ċint madwar il-grawnd tat-*turf* li sar f'taċ-Ċawla. Dan sabiex jitpoġġew bankijiet madwar il-grawnd;

6.4 il-Kunsill jixtri arblu għal fuq il-bejt tal-Banca. Dan minħabba l-fatt li dak eżistenti spiċċa. Inġabu żewġ stimi:- għall-arblu ta' l-injam l-istima telgħet €2329 u tal-*fibre* intelgħet €1621. Għalhekk l-arblu ser jinxtara direttament mill-Kunsill u jinbarax u jinżebagħ mill-ħaddiema tal-Kunsill;

6.5 il-Kunsill jorganiżża attivita' fi Pjazza Savina bis-sehem tal-Banda Leone nhar is-7 ta' Awwissu 2008. Il-vot m'għandux jaqbeż l-€582;

6.6 jinxtaw 10 kopji tal-kiteb li ser jiġi ppubblikat mill-Għaqda ta' l-Armar San Ġorġ Martri. Dan jitratta dwar l-istorja ta' l-armar ta' barra li jintrama fil-festa ta' San Ġroġ. Dawn jiswew €35 kull wieħed.

6.7 Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

i. akkwista *sponsor* mingħand in-NIKE sabiex jnxtraw tlett gerijiet għall-klabbs tal-futbol. Id-ditta ser tnaqqas żewġ terzi mill-prezz oriġinali. Il-membri qablu li jinxtraw dawn il-gerijiet fl-okkażjoni ta' l-għoti ta' Ġieħ il-Belt Victoria lit-tlett klabbs tal-futbol.

ii. għaddejja korrispondenza bejnu u bejn is-Sur Ray Attard c-Chief Executive Officer ta' l-ADT, rigward ix-xogħol ta' tarmac u bankini li sar fi Pjazza President J. F. Kennedy.

Il-laqgħa spiċċat fis-1.30 ta' wara nofs in-nhar. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa 11 ta' Lulju 2008 fid-9.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| Robert Tabone | Miriam Attard |
| Sindku | Seg. Eżekuttiv |